MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 172/2005

**Marcelle Falzon**

**-vs-**

**Paul Grech**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-3 ta’ April 2012 fejn ġie premess:

Illi l-esponenti ntavolat ċitazzjoni fis-16 ta’ Frar 2005 fejn talbet li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) Tiddikjara li l-partijiet kontendenti huma proprjetarji f’sehem indaqs bejniethom tal-fond numru tnejn u tletin (32), Naxxar Road, Birkirkara

(ii) Tiddikjara li l-partijiet kontendenti huma wkoll proprjetarji f'sehem indaqs bejniethom tal-fond numru disgħa u tletin (39), Carmel Street, Birkirkara.

(iii) Tiddikjara li *inoltre* l-attriċi għandha kreditu favur tagħha fl-ammont ta' elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) jew somma verjuri li tiġi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qoirti, rappreżentanti spejjeż li saru mill-attriċi in konnessjoni mal-akkwist tal-proprjeta' msemmija.

(iv) Tiddikjara illi l-partijiet kontendenti m'għandhomx jibqgħu sidien b'mod indiviż tal-proprjetajiet imsemmija, u ċjoe' l-fond numru tnejn u tletin (32), Naxxar Road, Birkirkara u l-fond numru disgħa u tletin (39), Carmel Street, Birkirkara.

(v) Konsegwentement, tordna illi l-proprjetajiet imsemmija, u ċjoe' l-fond numru tnejn u tletin (32), Naxxar Road, Birkirkara u l-fond numru disgħa u tletin (39), Carmel Street, Birkirkara għandhom jinbiegħu in liċitazzjoni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u okkorrendo tinnomina Nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-evetwali kontumaċi fuq l-att.

(vi) Tordna illi kwalunkwe rikavat mill-istess bejgħ għandu jinqasam bejn il-partijiet kontendenti f'sehem indaqs, u dan wara li l-attriċi tirċievi l-kreditu dovut lilha ammontanti għal elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) jew somma verjuri li tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżenti, kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Illi permezz ta' sentenza datata 30 ta' Marzu 2012 din l-Onorabbli Qorti ddeċidiet billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u għaldaqstant:

1. Laqgħet l-ewwel talba;

2. Astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba;

3. Ċaħdet it-tielet talba;

4. Laqgħet ir-raba' talba riferibbilment biss għall-fond 32, Naxxar Road, Birkirkara;

5. Laqgħet il-ħames talba dejjem riferibbilment għall-fond 32, Naxxar Road, Birkirkara billi ordnat il-bejgħ tiegħu a bażi tas-somma ta' mitejn u għaxart elef Ewro (€210,000) fuq imsemmija;

6. Fir-rigward tas-sitt talba ordnat biss li r-rikavat jinqasam f'ishma ndaqs bejn il-partijiet;

L-ispejjeż tal-kawża kellhom jiġu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi rigward il-ħames talba tal-esponenti din il-Qorti laqgħetha riferibbilment għall-fond 32, Naxxar Road, Birkirkara, billi ordnat il-bejgħ tiegħu a bażi tas-somma ta' mitejn u għaxart elef Ewro (€210,000) b'dan pero' li din l-Onorabbli Qorti naqset milli (a) tipprefiġġi terminu biex dan il-fond jinbiegħ bil-liċitazzjoni (b) tinnomina Nutar biex jirċievi l-att opportun, (c) tinnomina kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċja.

Għalhekk din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tordna li l-partijiet jerġgħu jiġu mħarrka mill-ġdid biex tinqata' t-talba msemmija f'dan ir-rikors u dan senjatament *ai termini* tal-Artikolu 235 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-konvenut ppreżentata fis-27 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha ddikjara li jaqbel mat-talbiet tal-attriċi;

Rat is-sentenza tagħha tat-30 ta' Marzu 2012 fuq imsemmija;

Rat id-digriet tat-8 ta' Ottubru 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Semgħet l-Avukati;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja’ ngħad l-attriċi qed titlob din il-Qorti tippronunzja s-sentenza fuq it-talbiet tagħha li ma ġewx deċiżi permezz tal-istess sentenza tat-30 ta’ Marzu 2012;

Illi l-konvenut mhux qed jopponi għal din it-talba;

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi u dan billi:**

**1. tordna li l-bejgħ in liċitazzjoni għandu jsir fuq talba tar-rikorrenti permezz ta’ rikors wara li jiddekorru għoxrin gurnata mil-lum;**
**2. tinnomina lin-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef biex jippubblika l-att opportun u lill-Avukat Dottor George Anton Buttigieg bħala kuratur għal eventwali kontumaċji;**
**L-ispejjeż ta’ dan l-inċident ikunu a kariku tal-partijiet fi kwoti indaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------